MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Rikors Numru. 1124/1997/1

Carmel Sammut
vs
Malta International Airport plc

Illum 3 ta’ Marzu 2005

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors pprezentat mir-rikorrent fl-1 ta’ Dicembru 1997 fejn wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz matul l-1991 u wara dik id-data r-rikorrent sofra ingustizzja billi minghajr ebda raguni valida huwa gie mqieghed indebitament fi grad inferjuri ghal dak li kien jimmerita.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

1. Ir-rikorrent illi kien impjegat bhala "Store Officer I" fid-Dipartiment ta' l-Air Terminal" gie trasferit fl-1991 ghal

mas-socjeta intimata. Meta saret l-assimilazzjoni relattiva fil-gradi l-godda ta' l-istess socjeta, dawk fl-impieg tal-Gvern li kienu jinsabu fi Skala 16 gew assimilati f'dak illi kien definit bhala Grad C skond il-ftehim kollettiv li kien applikabbli. Min kien impjegat fi Skala 14 mal-Gvern gie assimilat fi Grad G cioe` l-grad ta' "Officer" mas-socjeta intimata. Ir-rikorrent spicca fil-grad ta' "Safety & Security I" cioe` fi Grad C.

2. In forza tal-ftehim dwar il-klassifikazzjoni u l-assimilazzjoni tal-gradi industrijali ffirmat bejn il-Gvern u l-Union f'Awissu ta' l-1994, il-grad ta' "Store Officer I" gie assimilat fil-grad dipartimentali ta' "Supervisor" (Skala 14) b'effett mill-1 ta' Jannar 1991. Gara hekk peress illi kull min kien "Store Officer", kompriz ir-rikorrent, kien ilu aktar minn tmien snin f'dak il-grad qabel l-1 ta' Jannar 1991. Irrizulta, konsegwentement, illi meta r-rikorrent ittrasferixxa l-impieg tieghu minn mal-Gvern ghal mas-socjeta intimata kif spjegat hawn fuq huwa kellu jitqies bhala ufficjal tal-Gvern fi Skala 14, cioe` dik ta' "supervisors", mhux Skala 16, u b'hekk jitqieghed mis-socjeta intimata fil-livell ta' "Officer" cioe` grad G. Infatti permezz ta' ittra mibghuta mill-Minister ghat-Trasport u Portijiet u datata l-4 ta' Dicembru 1996 (Dokument A) ir-rikorrent gie mgharraf illi bhala parti mir-Riforma fis-Servizz Pubbliku huwa kien gie assimilat fil-Grad ta' "Supervisor" fi Skala ta' salarju numru 14 b'sehh mill-1 ta' Jannar 1991.

3. Irrizulta wkoll, intant, illi kien hemm persuni jahdmu fid-Dipartiment ta' l-"Air Terminal", fi grad inferjuri ghal dak li kien jokkupa r-rikorrent, u li b'danakollu gew assimilati mas-socjeta intimata fi grad superjuri ghal dak li fih tqieghed l-istess rikorrent.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu, lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-

Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li r-rikorrent ghandu jitqies li jokkupa l-grad ta' "Officer" fi hdan is-socjeta intimata u ghalhekk jigi promoss ghal dak il-grad b'effett mid-data li t-Tribunal jistabbilixxi bhala d-data li fiha huwa kien eligibbli li jokkupa l-istess grad, oltre li r-rikorrent jithallas id-differenza relattiva fis-salarju li jitqies b'hekk illi tilef; jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li r-rikorrent jithallas kumpens xieraq kif stabbilit minn dan it-Tribunal fic-cirkostanzi skond il-Ligi.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tas-socjeta` intimata fejn wiegbet illi:-

1. Illi fis-27 ta' Novembru 1991 u cioe` qabel ma assumiet l-impieg fl-1 ta' Jannar 1992 ta' dawk l-impjegati tal-Gvern li kienu jahdmu ma' dak illi qabel kien l-"Air Terminal Department", is-socjeta intimata - bi qbil mal-**General Workers Union** u mal-Union Haddiema Maqghudin kif ukoll mal-Gvern - harget sejha nterna ghall-applikazzjonijiet minghand l-impjegati li kien hemm fl-**Air Terminal Department** ghall-postijiet kollha li kien se jkun hemm mal-kumpanija intimata.

2. Illi, il-postijiet imhabbra fl-imsemmija sejha nterna kellhom rekwiziti specjali li wkoll kienu gew accettati bil-miktub miz--zewg **Unions** imsemmija kif ukoll mill-Gvern.

3. Illi, ir-rikorrent Carmel Sammut issottometta applikazzjonijiet ghal diversi postijiet fosthom dak ta' **Safety & Security Assistant** li kien ekwivalenti ghall-grad ta' **Security Frisker** li kien ix-xoghol li r-rikorrent Sammut kien jaghmel ma' l-**Air Terminal Department**.

4. Illi f'kaz ta' promozzjonijiet u mili ta' vakanzi l-kumpanija intimata dejjem imxiet skond kriterji stabbiliti u li eventwalment gew inkorporati fil-Ftehim Kollettiv. Infatti skond klawsola 22(a) tal-Ftehim Kollettiv "**Meta taghti promozzjonijiet u/jew timla xi vakanzi, il-Kumpanija (esponenti) ghandha tikkunsidra l-htigijiet ta' l-impieg**

**u taghti l-kunsiderazzjoni mehtiega lill-fatturi bhal ma huma abbilta`, efficjenza, addattar, kwalifiki akkademici u mgieba generali fil-Kumpanija"**

5. Illi l-anzjanita` (**seniority**) tigi kunsidrata biss f'kaz li jkun hemm aktar minn impjegat wiehed li jkollu l-kwalitajiet imsemmija aktar 'il fuq kollha ndaqs "**all things being equal seniority will prevail**";
6. Illi, r-rikorrent Sammut gie maghzul u offrut il-post ta' **Safety & Security Assistant** liema hatra hu accetta bil-miktub fit-30 ta' Dicembru 1991.

7. Illi, il-kumpanija intimata assigurat li dawk l-impjegati li kienu se jigu maghha (minn ma' dak li qabel kien l-**Air Terminal Department**) kellhom jircievu fl-impieg tas-socjeta` intimata salarju daqs jew ahjar minn dak li kienu jircievu kieku ghazlu li jmorru mas-Servizz Civili;

8. Illi fit-3 ta' April 1996 ir-rikorrent Sammut gie nfurmat bil-miktub mit-Tezor li "**Those employees with more than eight years service in that grade (Store Officer) on January 1 1991 were upgraded to Scale 14 as from that date**". Fl-istess ittra r-rikorrent gie nfurmat ddwar is-salarji ta' Scale 14 (tal-Gvern) mill-1991 'il quddiem li kienu : 1991 - Lm2,529, 1992 - Lm2,801, 1993 - Lm3,047, 1994 - Lm 3,223, 1995 - Lm3,438 u 1996 - Lm3,640 (kopja ta' l-imsemmija ittra qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok A);

9. Illi skond ir-'**records**' tal-kumpanija intimata, is-salarju li rcieva r-rikorrent Sammut mill-intimati mill-1 ta' Jannar 1992 kienu s-segwenti: 1992 - 2,910, 1993 - 3,066, 1994 - Lm3,552, 1995 - Lm3,708 u 1996 - Lm3,968;

10. Illi, fit-8 ta' Novembru 1993 ir-rikorrent Sammut applika ghal sejha nterna li harget il-kumpanija intimata ghal post ta' '**Storekeeper**' liema applikazzjoni hu rtira bil-miktub tlett ijiem wara;

11. Illi, ghakemm fis-7 ta' Marzu 1996 il-kumpanija intimata harget sejha nterna ohra ghall-post ta' **Assistant Administrator (Stores & Purchasing)** grad inholoq

permezz tat-tieni Ftehim Kollettiv u hu ekwivalenti ghall-grad ta' **Officer**, ir-rikorrent Sammut ma applikax;

12. Illi, ghal dawn ir-ragunijiet u ghal ragunijiet ohra li jistghu jirrizultaw waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri, qed jigi sottomess li t-talba rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi mhux minnu illi r-rikorrent "sofra ingustizzja billi minghajr ebda raguni valida huwa gie imqieghed indebitament fi grad inferjuri ghal dak illi kien jimmerita".

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti ta’ l-intimat.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi b’dan ir-rikors ir-rikorrent qed jilmenta mill-assimilazzjoni li saret wara transfer mid-Dipartiment tal-Air Terminal ghal MIA f’Jannar 1991 fejn skond hu gie ddiskriminat u ma nghatax l-iskala illi nghata haddiehor li bhalu kienu fuq l-istess livell.

Irrizulta mill-provi illi r-rikorrent kien jahdem bhala store officer I fid-Dipartiment ta’ l-Air Terminal. Din kienet tirraprezenta skala 16. Meta sar it-trasferiment ta’l-impjegati lis-socjeta` konvenuta wara ftehim temporanju mal-GWU u l-UHM fis-27 ta’ Novembru 1991, ir-rikorrent gie offrut il-post ta’ Safety & Security I (grade C). Qed jghid illi haddiehor illi bhalu kien fi skala 16 mal-Gvern gie maghzul ghal post ta’ officer (grade G). Ohrajn fi skala 15 u 16 mal-Gvern spiccaw assimilati fil-grad ta’ Officer mas-socjeta` intimata. Semma ismijiet bhal Ronald Gafa, John Grech, Charles Cropp, Mario Avallone, Zaren Dimech u Manuel Jones. Dan ta’ l-ahhar kien security ma l-Air Terminal Department u sar Terminal Officer mal-MIA.

Kontro ezaminat ir-rikorrent qal illi huwa accetta l-grad ta’ safety & security officer bi protesta peress illi din giet offruta lilu ‘on a take it or leave it basis’, ghad illi huwa

ffirma ghal appointment li rcieva. Jikkonferma illi huwa tela' skala peress li mal-Gvern kien fi skala 16 u tela' ghal skala 15 meta sar it-trasferiment, u li ma kienx applika ghal grad ta' Officer. F'Novembru 1993 applika ghal grad ta' store keeper izda wara tlett ijiem irtira din l-applikazzjoni. Jikkonferma kemm is-salarju kief ukoll il-kundizzjonijiet ta' l-impjieg huma ahjar mas-socjeta` intimata milli mal-Gvern, pero` baqa' jilmenta mill-assimilazzjoni. Jghid illi skond il-collective agreement dawk il-haddiema li gew assimilati mas-socjeta` konvenuta kellhom ikunu fi grad ekwivalenti jew ahjar minn dak illi kellhom qabel, izda hu jilmeta illi spicca hazin.

Gaetano Cutajar a fol 44 Segretarju tat-Taqsima tal-UHM jaf illi r-rikorrent kien ilmenta mieghu illi ma tpoggiex fl-istess grad li tpoggew ohrajn li kienu fl-istess grad bhalu mad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili. Wara li vverifika sab li "… kien hemm persuni li veru tpoggew meta gew xiftjati mal-MIA fi grad ahjar minn tieghu, u kien hemm anki zewg persuni fost ohrajn …. illi kienu tpoggew fil-grad ta' officer." Tkellem ma' Alfred Mangion li huwa l-Personnel Manager u l-pozizzjoni tal-MIA kienet li r-rikorrent ma jinghata xejn anqas minn dak li kien jimmeritah skond il-ftehim preliminari. Waqt li l-union kienet qed targumenta illi ma kien hemm xejn hazin li allura r-rikorrent tpogga fi grad ekwivalenti ghal dak li tpoggew meta nqalbu ghal MIA. Sar kompromess bejniethom fi sens li r-rikorrent jinghata promozzjoni ghal gard ta' supervisor jew Assistant Officer security.

Alfred Mangion jikkonferma din il-laqgha meta a fol 84 ta x-xhieda tieghu fejn fost affarijiet ohra jghid li r-rikorrent kien applika ghal Security Assistant u inghatatlu zieda fis-salarju. Komparat mal-Gvern u mas-socjeta` konvenuta, r-rikorrent mar ahjar ghal dak li huwa salarju u kundizzjonijiet. Jikkonferma il-laqghat li kellu mas-Sur Cutajar fejn "… fid-diskussjonijiet intqal li Carmel Sammut kullu jittella grad."
Dak iz-zmien kien hemm bzonn ta' stores officer, harget call for applications, ir-rikorrent applika izda wara ftit rtira l-applikazzjoni. Ir-rikorrent jikkonferma illi huwa rtira l-

applikazzjoni u dan ghamlu “ghax ma kinitx il-linja tieghi.” (fol 49). Fil-kontro ezami r-rikorrent jikkonferma wkoll illi seta’ rtira l-applikazzjoni ghax il-grad kien “minghajr shift” (fol 29).

Ikkunsidra

Illi fl-isfond ta’ dawn ir-rizultanzi processwali t-Tribunal lest li jikkoncedi li kien hemm persuni fl-istess grad illi kellu r-rikorrent mal-gvern illi gew assimilati mas-socjeta` konvenuta fi grad ghola milli dak illi nghata r-rikorrent. jista’ jaghti l-kaz pero` illi dawn in-nies applikaw ghal gard ta’ Officer mentri r-rikorrent ma applikax. Saru wkoll diskussjonijet mar-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta sabiex jekk hemm xi anomalija din tigi sanata u kien ghalhekk illi s-socjeta` konvenuta meta kellha vacancy fl-stores harget call for applications ghal dan il-post li allura kellu jkun grad ghola minn dak illi kellu r-rikorrent. Ir-rikorrent applika ghal dan il-post izda rtira l-applikazzjoni tieghu ghax skond hu ma kinitx il-linja tieghu.

It-Tribunal jidhirlu li hawnhekk ir-rikorrent ghaggel wisq. Is-socjeta` intimata ppruvat tatwa il-ftehim illi gie milqugh ma’ Gejtu Cutajar sabiex ir-rikorrent jittella grad u harget din is-sejha apposta ghalhekk. Kien ir-rikorrent illi ma utilizzax l-opportunita` illi giet moghtija lilu jew ghax ma kinitx il-linja tieghu jew inkella ghax din l-opportunita ma kinitx tinvolvi xoghol bix-xift fejn allura kien ifisser gwadann finanzjarju ghola ghar-rikorrent.

Ghalhekk it-Tribunal ma jistax jiddikjara illi s-socjeta` intimata ittrattat lir-rikorrent b’mod differenti minn haddiehor. L-ewwel nett kif diga inghad haddiehor seta’ applika l-pozizzjoni ta’ Officer fl-ewwel lok mentri r-rikorrent m’ghamilx hekk. Terga, ma gabx provi illi n-nies illi semma ma applikawx ghal pozizzjonijiet ta’ Officers. Pero` l-fatt biss illi s-socjeta` intimata tramite Alfred Mangion dahlet fid-diskussjonijiet mal-union rigward s-sitwazzjoni tar-rikorrent tista’ tfisser li kien hemm xi diskrepanza fl-assimilazzjoni liema diskrepanza giet solvuta billi nstab kompromess u r-rikorrent jinghata grad.

Gejtu Cutajar jsemmi Supervisor jew Assistant Officer Security pero` Alfred Mangion ma jsemmix dawn il-pozizzjonijiet. Jghid biss illi fid-diskussjonijiet intqal illi Carmel Sammut kellu jittella grad u kien ghalhekk, wara bzonn ghal Store Officer harget call for applications. Ir-rikorrent applika ghal din is-sejha izda wara tlett ijien rtira l-applikazzjoni tieghu u baqa' fejn kien.

Ghalhekk it-tribunal ma jidhirlux li r-rikorrent ghandu dritt jilmenta minn xi agir diskriminatorju illi seta' rcieva minghand is-socjeta` intimata.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------